6 ta' April, 1957.

Imħallef:—

Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Salvatore Psaila *versus* Marianna Parlar et.

**Kuntratt — Kunsens — Infermità Mentali — Inkapaċità Naturali u Inkapaċità Legali — Art. 1008 u 1009 tal-Kodiċi Ċivili.**

*L-inkapaċità naturali li wieħed jikkuntratta, a differenza ta' dik ċivili, tissupponi l-impossibilità naturali li wieħed jakkonsenti; u tissejjaħ ukoll inkapaċità assoluta, għaliex in-nuqqas naturali tar-raġuni u tal-volontà jġib in-nuqqas tal-kunsens, u kwindi l-ineżistenza tal-kuntratt.*

*Għaldaqstant, min jallega l-inkapaċità naturali ta' min ikkuntratta jeħtieġlu jipprova rigorożament li dak li kkuntratta, fiż-żmien tal-kuntratt impunjat, ma kellux l-użu tar-raġuni, ċjoè illi l-infermità mentali ta' dak il-kontraent kienet kompleta u tali li teskludi fiħ kull volontà u kapaċità tal-kunsens, b'mod li hu kien assolutament inkonsapevoli tal-atti li kien qiegħed jagħmel. Fi kliem ieħor, min jimpunja att magħmul minn persuna oħra minħabba inkapaċità naturali ta' dik il-persuna, jeħtieġlu jipprova li dik il-persuna kienet affetta minn infermità mentali totali u assoluta.*

*Jekk ikun hemm xi dubju dwar din l-inkapaċità, għandha tirbaħ dejjem il-preżunzjoni tal-kapaċità stabbilita mill-liġi.*

Il-Qorti; — Rat iċ-ċitazzjoni, li biha l-attur, wara li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, billi l-attur qiegħed jissulloka minn għand il-konvenuta Zammit xi kommoditajiet mill-fond nru. 69 Pawla Road, Pawla, li huwa tal-konvenuta Parlar; u billi l-konvenuta Zammit, mingħajr ma kienet taf, u lanqas ma setgħet tkun taf x'qegħedha tiffirma, bi skrittura tas-7 ta' Marzu 1954 ( li tinsab eżibita fil-kawża fl-ismijiet "Parlar vs.

Psaila", li marret "sine die" quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati, u li għaliha qegħedna ssir riferenza), iddikjarat li mill-ewwel ta' April ma kienetx iżjed ġejja fil-post in kwistjoni u li ma għandhiex x'taqsam iżjed; u billi din l-iskrittura tammonta għal rinunzja tal-lokazzjoni da parti tal-imsemmija Zammit, li biha ġie preġudikat l-attur bħala subinkwilin tagħha; talab li minn din il-Qorti jkun dikjarat li l-imsemmija skrittura hija nulla u bla ebda effett legali, minħabba l-motivi ġa fuq enunċjati. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-perit ġudizzjarju, fl-imsemmija relazzjoni tiegħu, wasal għall-konklużjoni illi, meta Caterina Zammit iffirmat l-iskrittura, għalkemm affetta minn ċertu grad ta' demenza arteriosklerotika, kienet mentalment kapaċi li tifhem dak li kienet qegħedha tagħmel;

Illi l-attur, fid-dibattitu orali, ikkontesta l-imsemmija konklużjoni, u b'nota fol. 70 ipprova jsostni, per mezz ta' diversi awtoritajiet, illi d-demenza organika arteriosklerotika, li minnha kienet affetta Caterina Zammit meta ffirmat l-iskrittura in kwistjoni, twassal għall-inkapaċità tagħha li tifhem u trid dak li tagħmel;

Illi ma jirriżultax li Caterina Zammit, fi żmien dik l-iskrittura, kienet interdetta jew inabilitata, jew milquta minn xi inkapaċità legali; għalhekk non si tratta ta' inkapaċità legali, iżda ta' inkapaċità naturali, jiġifieri li l-imsemmija Zammit ma kellhiex allura l-użu tar-raġuni (art. 1009 Kod. Ċiv.);

Skond id-dottrina, l-inkapaċità naturali, b'differenza minn dik ċivili jew legali, "suppone l'impossibilità naturale di consentire o di voler il contratto; un bambino che non

ha l'uso della ragione, ne si può determinare a volere, e l'uomo che non può ragionare nè comprendere in seguito a malattia mentale, danno esempio di persone incapaci mentalmente" (De Philippis, Diritto Civile Comparato, Vol. VI, §102). Din l-inkapaċità naturali hija msejħa wkoll assoluta; għaliex, kif jispjega l-istess awtur, "La mancanza naturale di ragione e di volontà porta alla mancanza di consenso, e quindi all'inesistenza del contratto" (Op. ċit., §103). U din hija preċiżament il-karatteristika li tiddistingwiha mill-inkapaċità legali. "Tra l'incapacità naturale e la legale", jgħid Ricci, "passa questa differenza: la prima deriva dalla mancanza assoluta della facoltà di consentire con cognizione di causa; la seconda invece è fondata sul divieto della legge, la quale ritiene incapace una persona che, considerata secondo il suo stato naturale, è capace di prestare un consenso efficace, con cognizione cioè di quello che essa fa" (Diritto Civile, Vol. VI, §13);

Illi minn dawn il-konsiderazzjonijiet tinżel il-konsegwenza illi l-attur, li qiegħed jallega l-inkapaċità naturali ta' Caterina Zammit, jeħtieġlu jipprova rigorożament illi hija fi żmien l-iskrittura mpunjata ma kellhiex l-użu tar-raġuni, li ċjoè l-infermità tagħha kienet kompleta u tali li teskludi fiha kull volontà u kapiċità ta' kunsens, b'mod li hija kienet assolutament inkonsapevoli tal-atti li kienet tagħmel. Fi kliem ieħor, l-attur kellu jipprova illi hija kienet affetta minn infermità mentali totali u assoluta (v. Fadda, Giurisp. Cod. Civ. Ital., art. 1105, §§51, 57, 59, 60). Issa, din il-prova, fil-fehma tal-Qorti, ma saretx; u basta wieħed jaqra x-xhieda li tat l-imsemmija Zammit quddiem l-Imħallef Supplenti fl-14 ta' Awissu 1954 (fol. 7), biex jipperswadi ruħu li hija ma kienetx fi stat ta' inkonsapevolezza totali u assoluta meta, ħames xhur qabel, addiveniet għall-iskrittura in kwistjoni; u billi l-infermità tagħha kienet ta' natura progressiva, għandu jiftiehem illi, meta saret l-iskrittura ħames xhur qabel ma xehdet, hija kienet mentalment aħjar; u dan apparti l-provi l-oħra prodotti, li jkomplu jeskludu l-imsemmija inkapaċità;

Illi, jekk biss kien hemm dubju, għandha tirbaħ dejjem il-prezunzjoni tal-kapaċità stabbilita mill-liġi fl-art. 1008 (Kod. Ċiv.);

Għal dawn il-motivi;

Prevja adozzjoni tal-perizja ġudizzjarja;

Tiċħad it-talba tal-attur; bl-ispejjeż kontra tiegħu.